***MINUTI***
***KUNSILL LOKALI XEWKIJA***
***LAQGĦA NRU 400***
***IS-SITT KUNSILL - LAQGĦA NUMRU 28***
***Il-Ġimgħa 13 ta' Novembru, 2009***

*Il-Membri tal-Kunsill tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fis-7.15pm.*

*Preżenti:* *Dr. Monica Vella - Sindku*
*Mr. Joseph Vella - Viċi Sindku*
*Mr. Teddy Mizzi*
*Mr Hubert Saliba*

*Skużata:* *Dr. Marthese Portelli*

*Uffiċjali:* *Mr. Ruben Cassar*

*Intqalet it-talba.*

*Il-Minuti tal-Laqgħat Numru 398 u 399 kienu tqassmu qabel u għalhekk ġew mgħoddija bħala moqrija u ġew approvati unanimament.*

**1. Offerta dwar tindif ta' toroq urbani**

Għal din il-laqgħa kienu imsejħa jattendu t-tlett kuntratturi li tefgħu l-offerta tagħhom dwar din it-tender.

Fil-kamra tal-laqgħat daħal Mario Bugeja li qed jidher f'isem Bugeja Bros Gozo Ltd. L-istima tal-offerta tiegħu hija ta' €20,999. Il-Kunsill staqsa lil Mario kif kien ser jaħdem dan is-servizz jekk l-offerta tiegħu tiġi aċċettata. Mario beda biex qal li dan il-qasam m'huwiex is-soltu jidħol fih peress li l-kumpanija tiegħu aktar mitfugħa fuq l-industrija tal-kostruzzjoni. Huwa qal li tefa' din l-offerta peress li bħalissa hawn ir-riċessjoni li qed tinħass sew f'Għawdex u għalhekk flokk ikeċċi l-ħaddiema tiegħu huwa qed jagħmel minn kollox biex isibilhom xogħol alternattiv. Huwa qal li għalhekk jekk jingħata din l-offerta, se jpoġġi ħaddiem li jkun qed jiknes madwar ir-raħal tax-Xewkija erbgħin siegħa fil-ġimgħa. Dwar l-iskeda ta' kif għandhom jinkinsu t-toroq, huwa qal li din jiddiskutiha mal-Kunsill jekk l-offerta tiegħu tiġi aċċettata. Huwa qal li jista' jiftihem mal-Contracts Manager tal-Kunsill biex din l-iskeda issir skond il-ħtiġijiet tal-Kunsill stess. Huwa qal li fl-istima tiegħu kkonsidra xogħlijiet oħra li jinqalgħu dwar dan is-servizz bħal fi żmien il-festa tar-raħal u avvenimenti oħra li jkun hemm matul is-sena. Huwa qal li ħadem l-istima tiegħu fuq paga ta' ħaddiem peress li ser ikollu ħaddiem dedikat għal dan is-servizz jekk l-offerta tiegħu tiġi aċċettata. Huwa qal li bħala servizz żgur li ser ikun wieħed effiċċjenti. Il-Kunsill irringrazzja lil Mario Bugeja tal-informazzjoni tiegħu. Mario Bugeja ħareġ mill-kamra tal-laqgħat.

Ftit tal-ħin wara fil-kamra tal-laqgħat daħlu Joseph Attard u Joseph Dingli li kienu qed jidhru f'isem Xewkija Tigers FC. L-istima tal-offerta tagħhom hija ta' €11,640. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-kuntrattur għal fatt li fuq id-dokument tal-offerta (Bill of Quantities), l-istima tal-offerta kienet miktuba bil-lapes. Meta nfetħu l-offerti, is-Segretarju Eżekuttiv niżżel l-ammont bil-linka (fuq parti oħra tad-dokument u b'hekk dik imniżżla mill-kuntrattur bil-lapes baqgħet tidher) u dan ġie inizzjalat minn dawk preżenti. Joseph Attard ikkonferma li s-somma ta' €11,640 hija korretta. Xewkija Tigers FC huma l-kuntratturi li fil-preżent qed jaħdmu dan is-servizz. Il-Kunsill staqsa lir-rappreżentanti ta' Xewkija Tigers FC kif ser ikunu qed jaħdmu dan is-servizz jekk il-Kunsill jaċċetta l-offerta tagħhom. Joseph Attard qal li għal dawn l-aħħar erba' snin huma kienu qed jaħdmu dan is-servizz. Huwa qal li ħafna mix-xogħol qed isir fuq bażi voluntarja u għandhom ħaddiem wieħed biss li kien imħallas. Biex itejbu s-servizz, jekk jingħataw din l-offerta huma ser iħaddmu żewġ ħaddiema li jkunu qed jagħmlu għoxrin siegħa xogħol kull wieħed. Dan barra li l-qtugħ ta' ħaxix isir minn nies voluntiera u għalhekk ser ikunu qed jagħtu aktar minn erbgħin siegħa xogħol fil-ġimgħa. Joseph Attard qal li fl-istima huma qed jikkonsidraw xogħlijiet addizzjonali bħal fil-festa u attivitajiet oħra li jkun hawn matul is-sena. Huwa qal li huma setgħu jżommu prezz baxx peress li jaħdmu ħafna bil-voluntiera u għalhekk jibqa' ftit profitt għal Xewkija Tigers FC. Dwar l-iskeda tax-xogħol, Joseph Attard qal li huma għamlu l-iskeda anke a bażi tal-esperjenza li kisbu dwar dan ix-xogħol iżda huma lesti li jiddiskutuha mal-Kunsill jew rappreżentant tiegħu. Huwa qal ukoll li l-iskeda ma tinkludix il-qtugħ ta' ħaxix iżda l-knis biss. Għalhekk għal knis biss ser ikun hemm b'erbgħin siegħa xogħol li ser isir minn żewġ ħaddiema. Is-Sindku talbet l-ismijiet tal-ħaddiema li ser ikollhom jaħdmu fuq din l-offerta jekk il-Kunsill jaċċetta l-offerta tagħhom. Joseph Attard qal li wieħed mill-ħaddiema ser ikun Frankie Agius li fil-preżent diġa qed jagħmel dan ix-xogħol. Dwar it-tieni ħaddiem, huwa qal li jinfurmana aktar tard jekk l-offerta tagħhom tiġi aċċettata. Il-Kunsill irringrazzja lir-rappreżentanti ta' Xewkija Tigers FC tal-informazzjoni tagħhom. F'dan il-ħin Joseph Attard u Joseph Dingli ħarġu mill-kamra tal-laqgħat.

Fil-kamra tal-laqgħat daħal Jeffrey Farrugia li wkoll tefa' l-offerta tiegħu għal dan is-servizz. L-istima tal-offerta hija ta' €9,200. Il-Kunsill staqsa lil Jeffrey kif kien ser jaħdem dan is-servizz jekk l-offerta tiegħu tiġi aċċettata. Jeffrey qal li huwa kkalkula l-istima tiegħu billi ħaseb €1,000 bħala spejjeż fi żmien il-festa, €1,500 spejjeż oħra bħal diżel, ħsarat eċċ. Il-kumplament tal-istima imorru għax-xogħol li ser jagħmel jekk l-offerta tiegħu tiġi aċċettata. Huwa qal li ser ikun qed jaħdimha hu stess u ser jagħmel għoxrin siegħa fil-ġimgħa xogħol ta' knis u tlett sigħat oħra fil-ġimgħa biex jaqta' l-ħaxix. Is-Sindku staqsiet lil Jeffrey jekk kienx ra d-dokument tal-offerta sewwa peress li l-Kunsill talab li jingħata erbgħin siegħa servizz fil-ġimgħa. Jeffrey Farrugia qal li dik il-klawsola ma ndunax biha u li mpossibbli li bl-istima tiegħu jaħdem erbgħin siegħa xogħol fil-ġimgħa. Huwa qal li l-istima ħadimha fuq għoxrin siegħa. Il-Kunsill irringrazzja lil Jeffrey Farrugia tal-informazzjoni tiegħu. Jeffrey ħareġ mill-kamra tal-laqgħat.

Wara li sema' lit-tlett kuntratturi, il-Kunsill għadda biex jiddeċiedi dwar liema offerta hija l-aktar effiċċjenti u vantaġġjuża. Wara diskussjoni fit-tul il-Kunsill qabel li l-aktar offerta vantaġġjuża hija dik ta' Xewkija Tigers FC. Is-Sindku pproponiet li peress li fil-preżent kelna ħafna ilmenti dwar dan is-servizz li kien qed jingħata mill-istess Xewkija Tigers FC u għalhekk il-Kunsill kien qabel li għandna noħorġu seħja ġdida għall-offerti, għandna nagħtu prova ta' tlett xhur lil Xewkija Tigers FC biex naraw jurux titjieb fis-servizz tagħhom, issa li ser ikunu

qed jaħdmu b'żewġ ħaddiema apparti l-voluntiera. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u għalhekk unanimament qabel li l-offerta ta' Xewkija Tigers FC għandha tiġi aċċettata u jiġi iffirmat il-ftehim li jkun jibda mill-1 ta' Diċembru 2009 u jintemm fit-28 ta' Frar 2010. Wara dan il-perjodu l-Kunsill jiddeċiedi jekk għandux iġedded il-kuntratt. Il-Kunsill qabel li għandna ninfurmaw lill-kuntrattur dwar din id-deċiżjoni. Ġie kkuntattjat Joseph Attard biex jerġa' jiġi l-Uffiċċju tal-Kunsill. Joseph Attard informana li setgħax jiġi hu iżda kien se jiġi Joseph Dingli. Il-Kunsill qabel ukoll li għandhom isiru spezzjonijiet mill-membri tal-Kunsill stess biex naraw li l-kuntrattur qed jimxi mal-iskeda tax-xogħol li ppreżenta huwa stess mad-dokument tal-offerta.

*F'dan il-ħin il-Kunsillier Teddy Mizzi nforma lill-Kunsill li ma segħax ikompli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill u għalhekk ħareġ mill-Uffiċċju tal-Kunsill.*

Ftit tal-ħin wara Joseph Dingli daħal fil-kamra tal-laqgħat. Joseph ġie nfurmat bid-deċiżjoni tal-Kunsill u li l-offerta tagħhom kienet qed tiġi aċċettata bi prova ta' tlett xhur. Il-Kunsill qed jistenna titjieb mis-servizz li qed jingħata fil-preżent u ser isiru spezzjonijiet biex jiżguraw li x-xogħol isir b'mod effiċċjenti. Joseph Dingli rringrazzja lill-Kunsill li aċċetta l-offerta ta' Xewkija Tigers FC u qal li se jagħmlu mill-aħjar biex is-servizz ikun effiċjenti.

## 2. Sotto Kumitat

Il-Viċi Sindku nforma lill-Kunsill li jixtieq jagħmel Sotto Kumitat għaż-Żgħażagħ. Il-Kunsill qabel fil-prinċipju ta' din il-proposta. Il-Kunsill qabel li s-Segretarju Eżekuttiv għandu jgħaddi l-informazzjoni lill-membri kollha dwar Sotto Kumitat tal-Kunsill Lokali, kif jitwaqqaf u kif għandu jiffunzjona. Wara li kulħadd ikollu l-informazjoni l-Kunsill jibda jaħdem fuq din il-proposta. Sadanittant il-Viċi Sindku ser jibgħat id-dettalji ta' żgħażagħ li huma interessati li jkunu membri ta' dan is-Sotto Kumitat.

## 3. Attivitajiet għal żmien il-Milied

Il-Kunsill qabel unanimament li għandhom isiru l-attivitajiet li ta' kull sena qed nagħmlu fi żmien tal-Milied. L-attivitajiet huma ħarġa għall-anzjani u ikla li ssir fl-Arka Respite Center u party għat-tfal. Il-Kunsill qabel li s-Sindku għandha tieħu ħsieb biex torganizza dawn l-attivitajiet u għalhekk ser isiru l-avviżi u xogħlijiet neċessarji biex dawn l-attivitajiet ikunu jistgħu jsiru.

## 4. Premju Ġieħ ix-Xewkija

Il-votazzjoni għal Ġieħ ix-Xewkija saret kif kien ippjanat, nhar il-Ħamis 5 ta' Novembru 2009. Il-premju din is-sena intrebaħ minn Frans Galea li ġab l-akbar ammont ta' voti. Ġew diskussi l-attivitajiet li għad baqa' jsiru dwar Jum ix-Xewkija u l-Kunsill qabel li kulħadd għandu jattendi għal dawn l-attivitajiet u ngħinu mill-aħjar li nistgħu biex ikunu suċċess.

## 5. Rapport Annwali Amministrattiv 2008/09

Dan ir-rapport kien diġa tqassam lill-membri kollha. Il-Kunsill iddiskuta fit-tul dan ir-rapport li ġie approvat unanimament.

XEWKIJA

**6. Quarterly Financial Report – Lulju/Settembru 2009**

Dan ir-rapport kien diġa tqassam lill-membri kollha. Il-Kunsill iddiskuta is-sitwazzjoni finanzjarja tiegħu. Il-Kunsill innota b'sodisfazzjoni li l-mira tiegħu li jispiċċa s-sena finanzjarja b'bilanċ mistenni li tintlaħaq. Dan ir-rapport finanzjarju ġie approvat unanimament.

**7. Il-Kunsill approva li jsiru l-ħlasijiet kif imniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Nru. 6-20**

**8. Korrispondenza: il-korrispondenza ġiet ċirkulata u diskussa**
**Mill-Korrispondenza**

i. Carmel Saliba tal-ADT informa lill-Kunsill dwar tabelli tat-traffiku li hemm bżonn li jinbidlu. Il-Kunsill qabel li uħud mit-tabelli tat-traffiku indikati huma responsabilta tal-Gvern Ċentrali u għalhekk id-Dipartiment konċernat se jiġi nfurmat dwar it-tabelli li għandhom bżonn jinbidlu. Dwar it-tabelli l-oħra, il-Kunsill diġa bidel uħud mit-tabelli imsemmija u qiegħed fil-proċess biex jibdel oħrajn li jinsabu f'kundizzjoni ħażina.

ii. L-Għaqda Drammatika Xewkija talbet l-għajnuna tal-Kunsill biex jittella' d-dram l-Ingassa. Dan id-Dramm ser ikun wieħed mill-attivitajiet li l-Kunsill qed jorganizza fl-okkażjoni ta' Jum ix-Xewkija. Il-Kunsill qabel li għandna nħallsu parti mill-ispejjeż tal-PA System iżda mhux aktar minn €150.

iii. Miriam Christine Warner f'isem Francesca u Mikaela (li huma l-kantanti Għawdxin li rebħu l-Malta Junior Euro Song Contest u għalhekk se jirrappreżentaw lil pajjiżna fil-Junior Eurovision Song Contes) qed titlob l-għajnuna tal-Kunsill Lokali Għawdxin. Il-Kunsill qabel unanimament li għandna ngħinu lil dawn iż-żewġ kantanti li qed jagħmlu unur lil Għawdex. Il-Kunsill qabel li għandna nagħtu €120 bħala għajnuna lil dawn iż-żewġ kantanti ċkejknin.

iv. MaryAnn Cauchi infurmat lill-Kunsill li nhar il-Ġimgħa 27 ta' Novembru il-Kummissarju tat-Tfal ser iżżur l-iskola primarja tax-Xewkija fl-okkażżjoni tal-Konvenzjoni għad-drittijiet tat-tfal. Ser ikun hawn preżenti bħala attrazzjoni prinċipali il-maskot li huwa Ġuġinu. It-tfal ser jingħataw informazzjoni dwar id-drittijiet tagħhom. Peress li ser iġibu vettura (trailer) kbir, huma talbu l-permess tal-Kunsill biex jipparkjaw din il-vettura fi Triq Widnet il-Baħar. Il-Kunsill qabel li għandna nikkoperaw biex din l-attivita tirnexxi.

v. George N. Cassar informa lill-Kunsill dwar ktieb li għadu kif ippubblika bl-isem Żmien il-Ħsad u li jiswa €4 flokk €5 jekk il-Kunsill jordna xi kopji issa. Il-Kunsill qabel li għandna nordnaw għaxar kotba, tnejn biex jitpoġġew fil-librerija pubblika u l-oħrajn biex jitqassmu lit-tfal meta jkolna l-kompetizzjonijiet ta' Jum ix-Xewkija.

vi. Giovanni Zammit f'isem Wirt Għawdex informa lill-Kunsill bix-xogħol li qed twettaq l-għaqda tiegħu. Huwa qal li Wirt Għawdex lesta li tgħin biex aktar siti storiċi jiġu

restawrati.  Il-Kunsill qabel li għandna nitolbu biex issir laqgħa u b'hekk jiġi diskuss xi proġetti jistgħu jsiru flimkien.

vii. Greenmt qed jitolbu biex jiltaqgħu mal-Kunsill biex jiddiskutu dwar il-ġbir ta' skart separat.  Huma qed joffru skemi vantaġġjużi għall-Kunsilli Lokali.  Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li aktar kmieni, kumpanija oħra, il-Greenpak kienu talbu laqgħa magħha, liema laqgħa saret fis-27 ta' Ottubbru.  Preżenti kien hemm ukoll is-Segretarju Eżekuttiv.  Minn naħa ta' Greenpak kien preżenti Daniel Tabone.  Greenpak ukoll qed joffru skema vantaġġjuża dwar il-ġbir ta' skart separat.  Il-Kunsill qabel li m'għandnix niddeċiedu liema skema se naċċettaw qabel Greenmt jinfurmawna dwar l-iskema tagħhom.  B'hekk meta jkolna l-informazzjoni kollha neċessarja dwar iż-żewġ skemi, il-Kunsill ikun jista' jara liema hija l-aktar vantaġġjuża għalih u jagħżel lilha.  Il-laqgħa ma' Greenmt ser issir nhar it-Tnejn 7 ta' Diċembru.

viii. Il-Kunsill Lokali ta' Sannat talab sabiex issir laqgħa ta' informazzjoni dwar il-proġett ta' Park Reġjonali tal-Wied ta' Mġarr ix-Xini.  Il-Kunsill ta' Sannat qed jipproponi li din il-laqgħa issir nhar l-Erbgħa 18 ta' Novembru 2009 fl-uffiċċju tagħhom.  Il-Kunsill qabel li għandna niltaqgħu biex niddiskutu dwar dan il-proġett.  Se jiġu mistiedna wkoll il-membri tal-Action Committee.  Il-membri kollha huma mħeġġa sabiex jattendu.

## 9. Materja oħra

i. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Assistent Prinċipal Mary Haber kellha problemi ta' saħħa u qegħda ta' spiss tħoss uġigħ f'daharha.  Wara li marret ħadet pariri mediċi Mary Haber kienet infurmat lis-Segretarju Eżekuttiv li s-siġġu tagħha hemm bżonn li jinbidel.  Fil-fatt Mary ġabet ċertifikat iffirmat mill-Principal Physiotherapist tal-Isptar Ġenerali t'Għawdex fejn irrakkomandalha l-aktar siġġu adattat għaliha.  Il-Kunsill qabel li għandna nixtru dan is-siġġu minn għand l-Office Club. Is-siġġu jiswa €344.95.

ii. Is-Sindku ppropniet sabiex napplikaw mal-ADT biex teħel tabella tat-traffiku fi Triq Mġarr (ftit 'l fuq mit-traffic Lights) li tindika li vetturi kbar ma jistgħux jidħlu għal Triq il-Mitħna.  Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u għalhekk ser tintbagħat ittra dwar din il-proposta lill-ADT biex tiġi approvata minn naħa tal-Bord tat-Traffiku.

iii. Il-Kunsillier Hubert Saliba nforma lill-Kunsill li kellu ilmenti dwar ipparkjar ta' karozzi fi Triq Indipendenza kantuniera ma' Triq Mitħna li qed ikun perikoluż.  Huwa ppropona li jsiru sinjali sofor li jindikaw li ma jistgħux jipparkjaw.  Is-Sindku fakkret lill-membri preżenti li dwar dawn l-inħawi l-Kunsill diġa applika għal traffic management u għadu qed jistenna l-approvazzjoni tal-ADT.

iv. Esther Bajada li toqgħod fi Triq San Bert ilmentat mal-Kunsill dwar il-ħin tal-ġbir tal-iskart.  Hija qalet li minn Triq San Bert l-iskammel qed jgħaddi qabel is-7.15am.  Il-Kunsill qabel li għandna ninfurmaw lill-kuntrattur dwar dan l-ilment u nitolbuh jimxi mal-ftehim li kien sar fejn huwa ma kellux jibda s-servizz qabel is-7.30am.

v. Il-Kunsillier Hubert Saliba u s-Sindku ġibdu l-attenzjoni tal-Kunsill dwar diversi dgħajjes li hawn ipparkjati fit-toroq tar-raħal tagħna.  Il-Kunsill qabel li għandna

navżaw lill-Gwardjani Lokali sabiex jieħdu l-passi meħtieġa biex dawn jitneħħew peress li qed ikunu ta' periklu u anke jkerhu l-ambjent peress li madwarhom il-kennies ma jkunx jista' jnaddaf bil-konsegwenza li jinġema ħafna skart.

Il-Laqgħa spiċċat fid-9.30pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ġimgħa 11 ta' Diċembru, 2009 fis-7.00pm.

Ruben Cassar
Segretarju Eżekuttiv

Av. Monica Vella
Sindku